BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **04/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **5 ta' Settembru 2012**

**April 2012**

## Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'EUR216.1 miljun, jew 2.1%, f'April, biex laħqet EUR10.5 biljuni (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali rrankat, u telgħet għal 12.6% minn 10.4% fix-xahar ta' qabel.

Iż-żieda fix-xahar fl-aggregat monetarju sħiħ irriflettiet l-aktar żieda ta' EUR183.0 miljun fi ftehim għal xiri mill-ġdid bejn bank lokali u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u li huma residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. Din reġġgħet lura it-tnaqqis osservat f'Marzu. It-tkabbir xahar fuq xahar fl-M3 seħħ ukoll minħabba żieda fil-komponent monetarju intermedju (M2).

It-tkabbir fl-M2 kien dovut kollu kemm hu għall-komponent monetarju ristrett (M1), li kiber bi EUR38.4 miljun, jew 0.7%, minħabba d-depożiti *overnight*. Dawn tal-aħħar żdiedu b'EUR34.2 miljun, jew 0.7%, l-aktar minħabba żieda fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Sadattant, l-ammont ta' flus maħruġa żdied b'EUR4.2 miljuni, jew 0.6%. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali fl-M1 niżlet bi ftit, għal 7.6% f'April, minn 7.8% xahar qabel.

F'April, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas, li wkoll jagħmlu parti mill-komponent monetarju intermedju (M2), ċkienu bi EUR11.8 miljun, jew 0.3%. Dan prinċipalment irrifletta anqas bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. B'kuntrarju għal dan, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas, jiġifieri l-kumplament tal-komponent monetarju intermedju (M2), żdiedu b'EUR5.3 miljuni, jew 4.2%. Ir-rata tat-tkabbir sena fuq sena fil-komponent monetarju intermedju telgħet għal 5.6%, minn 5.4% f'Marzu.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti taż-żona tal-euro ċkien matul il-perijodu kopert. Dan naqas b'EUR190.2 miljun, jew 1.2%, l-aktar minħabba tnaqqis fil-kreditu lis-settur privat. Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas ukoll matul dan il-perijodu, għalkemm b'ammont inqas. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu naqset għal 8.0% f'April, minn 8.9% f'Marzu.

It-tnaqqis fil-kreditu lill-gvern ġenerali ta' EUR15.2 miljun, jew 0.4%, seħħ minħabba tnaqqis fl-ammont miżmuma mill-banek ta' titoli maħruġa minn gvernijiet fiż-żona tal-euro barra Malta. Il-kreditu lil residenti fiż-żona tal-euro barra l-gvern ġenerali naqas

b'ammont akbar. Dan niżel b'EUR175.0 miljun, jew 1.5%, prinċipalment minħabba tnaqqis fl-ammont miżmum ta' titoli maħruġa minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

B'kuntrast għal dan, il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, kibret b'EUR545.5 miljun, jew 6.2%, f'April. Dan irrifletta żieda konsiderevoli fl-assi, li kienet akbar miż-żieda fl-obbligazzjonijiet. Iż-żieda fl-assi seħħet l-aktar minħabba volum ogħla ta' self mogħti minn banek lokali lil banek barra ż-żona tal-euro. Sadattant, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet kienet dovuta għal aktar self, parti fi ftehim għal xiri mill-ġdid, meħud minn banek lokali mingħand banek barra ż-żona tal-euro.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 kiber b'EUR139.2 miljun, jew 1.0%, f'April prinċipalment minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet oħra (netti). Din iż-żieda rriflettiet transazzjonijiet ma' banek oħra fiż-żona tal-euro. Madankollu, żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal, dovuta prinċipalment għal żieda fit-titoli ta' dejn maħruġa minn banek lokali, ikkontribwixxiet ukoll.

**Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self**

Id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin żdiedu b'EUR21.0 miljun, jew 0.2%, f'April (ara Tabella 2). Dan seħħ l-aktar minħabba żieda fid-depożiti *overnight*, li telgħu b'EUR34.5 miljun, jew 0.7%, flimkien ma' żieda fid-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur jew anqas ta' EUR7.2 miljuni, jew 5.8%. B'kuntrarju għal dan, id-depożiti li jimmaturaw sa sentejn jew anqas naqsu b'EUR20.8 miljun, jew 0.6%. Ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti totali telgħet għal 4.2% f'April, minn 4.1% fix-xahar ta' qabel.

Iż-żieda fid-depożiti *overnight* f'April seħħet l-aktar minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji, li fl-istess ħin naqsu d-depożiti tagħhom li jimmaturaw sa sentejn jew anqas. Fl-istess waqt, iż-żieda fid-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur jew anqas kienet dovuta l-aktar għal bilanċi ogħla miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Dawn l-iżviluppi wrew ċaqliq fil-preferenza għal assi monetarji aktar likwidi f'April, li ġraw minħabba kumpaniji privati mhux finanzjarji. B'kuntrast għal dan, id-depożiti miżmuma minn individwi li huma parti mill-M3 naqsu, minħabba tnaqqis kemm fid-depożiti *overnight* kif ukoll fid-depożiti fissi fuq żmien qasir. Minflok, l-individwi żiedu mal-bilanċi tagħhom ta' depożiti fuq żmien itwal barra l-M3.

F'April il-kreditu tal-IFM residenti lil residenti ta' Malta (inkluż il-gvern) kiber b'EUR25.7 miljun, jew 0.2%. Minħabba f'hekk, it-tkabbir fil-kreditu annwali żdied għal 6.8%, minn 6.4% f'Marzu.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali kiber b'EUR7.2 miljuni, jew 0.3%, hekk kif il-banek żiedu l-ammont ta' *bills* tat-Teżor miżmuma minnhom f'April. Fuq bażi sena fuq sena, ir-rata tat-tkabbir aċċelerat għal 13.7% minn 12.9% f'Marzu. Il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali kiber bi EUR18.5 miljun, jew 0.2%, minħabba żieda fl-ammont ta' self mogħti lil kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji u lill-individwi, għax-xiri tad-djar. Ir-rata tat-tkabbir fil-kreditu sena fuq sena lil residenti oħra telgħet għal 5.0%, minn 4.6% fix-xahar ta' qabel.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin ċkienu b'EUR67.5 miljun, jew 0.6%, f'April, hekk kif l-obbligazzjonijiet barranin kienu akbar mill-assi barranin (ara Tabella 2).[1] It-tkabbir fl-obbligazzjonijiet barranin seħħ primarjament minħabba żieda fil-volum ta' self barrani meħud minn banek lokali li għelbet tnaqqis fid-depożiti ta' barranin miżmum magħhom. Mill-banda l-oħra, it-tkabbir fl-assi barranin kien dovut primarjament għal aktar titoli barranin, żieda fis-self mogħti lill-barranin u aktar depożiti ta' IFM miżmuma barra minn Malta. Kollox ma' kollox, it-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti battiet għal 2.6%, minn 3.8% xahar qabel.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti

F'April, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 baqgħet l-istess, jiġifieri 1.11%, filwaqt li l-istess rata fuq is-self niżlet b'punt bażi għal 4.70%. Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti naqset b'punt bażi filwaqt li dik mitluba fuq is-self niżlet b'seba' punti bażi.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Apr-12 | Mar-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Apr-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,620.1** | **5,581.6** | **38.4** | **0.7** | **5,223.4** | **396.6** | **7.6** |
| Flus maħruġa(4) | 706.1 | 701.9 | 4.2 | 0.6 | 672.0 | 34.1 | 5.1 |
| Depożiti *overnight* (5) | 4,914.0 | 4,879.8 | 34.2 | 0.7 | 4,551.4 | 362.6 | 8.0 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,650.7** | **9,618.8** | **31.9** | **0.3** | **9,138.6** | **512.1** | **5.6** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,620.1 | 5,581.6 | 38.4 | 0.7 | 5,223.4 | 396.6 | 7.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 131.9 | 126.6 | 5.3 | 4.2 | 129.1 | 2.8 | 2.2 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 3,898.8 | 3,910.6 | -11.8 | -0.3 | 3,786.1 | 112.7 | 3.0 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,526.7** | **10,310.6** | **216.1** | **2.1** | **9,351.2** | **1,175.4** | **12.6** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,650.7 | 9,618.8 | 31.9 | 0.3 | 9,138.6 | 512.1 | 5.6 |
| Self kontra titoli | 661.0 | 478.0 | 183.0 | 38.3 | 0.0 | 661.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas(6) | 214.9 | 213.7 | 1.2 | 0.5 | 212.6 | 2.3 | 1.1 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,721.5** | **15,911.7** | **-190.2** | **-1.2** | **14,556.1** | **1,165.4** | **8.0** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,244.2 | 4,259.4 | -15.2 | -0.4 | 4,094.7 | 149.5 | 3.7 |
| Self lil setturi oħra | 11,477.3 | 11,652.3 | -175.0 | -1.5 | 10,461.5 | 1,015.9 | 9.7 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **9,383.9** | **8,838.4** | **545.5** | **6.2** | **7,553.8** | **1,830.1** | **24.2** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 31,812.3 | 30,542.6 | 1,269.7 | 4.2 | 28,435.8 | 3,376.5 | 11.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 22,428.4 | 21,704.2 | 724.2 | 3.3 | 20,882.0 | 1,546.4 | 7.4 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **14,578.8** | **14,439.6** | **139.2** | **1.0** | **12,758.7** | **1,820.1** | **14.3** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 681.7 | 740.4 | -58.7 | -7.9 | 705.5 | -23.8 | -3.4 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,030.5 | 11,952.2 | 78.4 | 0.7 | 11,425.8 | 604.7 | 5.3 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,866.6 | 1,747.1 | 119.5 | 6.8 | 627.4 | 1,239.2 | 197.5 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bħal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u maħruġa minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Apr-12 | Mar-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Apr-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **8,587.8** | **8,566.9** | **21.0** | **0.2** | **8,239.3** | **348.5** | **4.2** |
| Depożiti *overnight* | 4,750.3 | 4,715.8 | 34.5 | 0.7 | 4,418.2 | 332.1 | 7.5 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 131.2 | 124.0 | 7.2 | 5.8 | 128.3 | 2.9 | 2.2 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,706.3 | 3,727.1 | -20.8 | -0.6 | 3,692.8 | 13.5 | 0.4 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,042.5** | **11,016.8** | **25.7** | **0.2** | **10,337.9** | **704.6** | **6.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,433.9 | 2,426.7 | 7.2 | 0.3 | 2,140.2 | 293.7 | 13.7 |
| Self lil setturi oħra | 8,608.6 | 8,590.1 | 18.5 | 0.2 | 8,197.7 | 410.9 | 5.0 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,408.2** | **11,475.7** | **-67.5** | **-0.6** | **11,123.3** | **284.9** | **2.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 42,048.2 | 41,663.7 | 384.5 | 0.9 | 39,755.5 | 2,292.7 | 5.8 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 30,640.0 | 30,188.0 | 452.0 | 1.5 | 28,632.2 | 2,007.8 | 7.0 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.